IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.5.2020
COM(2020) 214 final

2020/0088 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta mal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-politika għall-promozzjoni u t-twessigħ tal-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi eżistenti fil-livell internazzjonali hija waħda mill-istrateġiji ta' prijorità għat-titjib tas-sostenibbiltà tal-kummerċ internazzjonali għall-prodotti agrikoli. B'hekk isir possibbli li tissaħħaħ il-politika ta' kwalità tal-Unjoni Ewropea, jiġu miġġielda l-prattiki qarrieqa u jiġi evitat l-użu ħażin tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. Huwa possibbli wkoll li jogħla l-valur miżjud tal-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE u b'hekk l-ekonomija tal-UE ssir aktar kompetittiva.

Iċ-Ċina hija t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE u l-UE hija l-akbar sieħeb kummerċjali taċ-Ċina. Il-kummerċ bejn iċ-Ċina u l-Ewropa huwa f'medja ta' aktar minn EUR 1 biljun kuljum. Il-kummerċ agroalimentari huwa komponent importanti f'din ir-relazzjoni u l-bilanċ tagħha bejn l-UE u ċ-Ċina huwa b'mod ċar pożittiv għall-UE. Fl-2018, l-UE rreġistrat surplus kummerċjali ta' EUR 5,4 biljun maċ-Ċina f'dan is-settur. Iċ-Ċina kienet it-tieni l-akbar destinazzjoni ta' esportazzjoni tal-UE (EUR 11-il biljun) u kienet fit-tielet post f'termini ta' importazzjonijiet tal-UE (EUR 5,6 biljun). Dawn iċ-ċifri jmorru kontra d-defiċit kummerċjali globali tal-UE għall-merkanzija maċ-Ċina ta' EUR 184,9 biljun fl-2018 (EUR 209,9 biljun f'esportazzjonijiet u EUR 394,8 biljun f'importazzjonijiet).

L-iżvilupp tal-klassi medja taċ-Ċina, li għandu jilħaq il-500 miljun ruħ fit-tliet snin li ġejjin, qed jagħti spinta lid-domanda għall-prodotti ta' kwalità u għalhekk, għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Ewropej. Skont studju kkummissjonat mid-DĠ AGRI fl-2013[1], prodott ta' Indikazzjoni Ġeografika jinbiegħ, bħala medja, għal aktar mid-doppju tal-prezz ta' prodott simili li ma jkunx b'Indikazzjoni Ġeografika. Għalhekk, dan il-ftehim se jkun ta' benefiċċju għall-produtturi Ewropej u għandu jagħti spinta liż-żoni rurali fejn isiru dawn il-prodotti.

Dan il-ftehim huwa wkoll pass 'il quddiem lejn ir-rikonoxximent ġenerali tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-importanza li jiġu protetti, proċess immexxi mill-UE permezz ta' diversi ftehimiet ta' kummerċ ħieles li ġew iffirmati mill-UE f'dawn l-aħħar snin.

Minbarra l-benefiċċji ekonomiċi, il-ftehim se jkun ukoll pass importanti fir-relazzjoni tagħna maċ-Ċina peress li se jkun l-ewwel ftehim kummerċjali bilaterali sinifikanti ffirmat bejn l-UE u ċ-Ċina. Huwa wkoll sinjal lejn id-dinja tal-impenn taż-żewġ partijiet għal relazzjonijiet kummerċjali aktar profondi u simbolu tal-ftuħ u l-aderenza tagħna mar-regoli internazzjonali bħala bażi għar-relazzjonijiet kummerċjali.

Fl-10 ta' Settembru 2010 il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati[2] dwar ftehim maċ-Ċina biex jinkiseb l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim u biex jiġu pprovduti strumenti biex jiġu miġġielda l-prattiki qarrieqa u l-użu inġust tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

Fuq il-bażi ta' dawn id-direttivi ta' negozjar, il-Kummissjoni nnegozjat ftehim ambizzjuż u komprensiv mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni u l-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

---

[1] "Value of production of agricultural products and foodstuffs, wines, aromatised wines and spirits protected by a geographical indication (GI)": ["Il-valur tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, inbejjed, inbejjed aromatizzati u spirti protetti b'Indikazzjoni Ġeografika (IĠ)"]: https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/32b62342-b151-4bf3-8ba8-18568f37f43b

[2] Dokument 13325/10 https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13325-2010-INIT/mt/pdf

Il-Kummissjoni qed tressaq il-proposti li ġejjin għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill:

– Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom;

– Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom.

Il-proposta mehmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-istrument legali għall-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-konklużjoni tal-Ftehim tidħol fl-istrateġija ġenerali tal-UE li tippromwovi l-politika dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-UE. L-inizjattiva għandha l-għan li tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni, tal-anqas fil-livell tal-Artikolu 23 tat-TRIPS+, għal-lista tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-UE fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Ċiniżi fl-UE. L-inizjattiva se tagħti vantaġġ kompetittiv lill-produtturi ta' prodotti li jkollhom Indikazzjoni Ġeografika.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-konklużjoni ta' ftehim bilaterali dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina hija konformi mal-azzjonijiet esterni tal-UE u b'mod partikolari mal-objettivi tal-Unjoni rigward l-istrateġija tal-UE għall-promozzjoni tal-politika tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċina dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi jrid jiġi ffirmat skont deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(5) tat-TFUE u jrid jiġi konkluż mill-Unjoni skont deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), kif ukoll 218(6) tat-TFUE, wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif ippreżentat lill-Kunsill ma jkoprix kwistjonijiet li jaqgħu barra mill-kompetenza esklużiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija konformi mal-viżjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u tikkontribwixxi għall-objettivi kummerċjali u ta' żvilupp tal-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija konformi mal-Artikolu 218 tat-TFUE, li jipprevedi li l-Kunsill jadotta deċiżjonijiet dwar ftehimiet internazzjonali. Ma jeżisti ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-objettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-Ftehim mhu se jkollu l-ebda impatt dirett fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta mal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali li jipprevedu Kumitat Konġunt bl-iskop li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim u li jintensifika l-kooperazzjoni u d-djalogu dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

Il-Kumitat Konġunt għandu wkoll jieħu ħsieb il-funzjonament xieraq ta' dan il-Ftehim u jista' jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni u mat-tħaddim tiegħu.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċina dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal livell għoli ta' protezzjoni fis-suq Ċiniż għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi proposti.

F'konformità mal-objettivi stabbiliti mid-direttivi ta' negozjati, il-Kummissjoni żgurat, fost affarijiet oħra:

– Livell ta' protezzjoni TRIPs-plus għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-UE wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jipprovdi protezzjoni kontra t-traduzzjoni, it-traskrizzjoni

jew it-transliterazzjoni, u kontra l-użu tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi msemmija akkumpanjati minn espressjonijiet bħal “kwalità”, “tip”, “stil”, “imitazzjoni” jew espressjonijiet simili fir-rigward ta’ prodott mhux oriġinarju;

– Il-protezzjoni ta’ 175 Indikazzjoni Ġeografika addizzjonali fi żmien erba’ snin mid-dħul fis-seħħ u mekkaniżmu li jżid aktar Indikazzjonijiet Ġeografiċi minn hemm ’il quddiem;

– L-Indikazzjonijiet Ġeografiċi se jeżistu flimkien mat-trademarks preċedenti leġittimi li l-maġġoranza vasta tagħhom tappartjeni għas-sidien leġittimi tal-Ewropa.

2020/0088 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta mal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Settembru 2010 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal Ftehim dwar il-kooperazzjoni dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess permezz tal-inizjalar tal-Ftehim.

(2) Il-Ftehim propost għandu l-għan li jikseb l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u li jipprovdi strumenti biex jiġu miġġielda l-prattiki qarrieqa u użi inġusti tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

(3) Għalhekk, il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tat-tali Ftehim.

It-test tal-Ftehim li jrid jiġi ffirmat huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim, għall-persuna(i) indikata(i) min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President